MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF
## VICTOR J. CARUANA COLOMBO

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2001

Henry Buttigieg

kontra

Enemalta Corporation

It-Tribunal

Ra r-rikors tar-rikorrent Henry Buttigieg li jghid hekk:

"Illi l-attur ipprezenta rikors fejn, wara li ppremetta illi bejn 9 ta' Mejju 1987 w il-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1989 huwa sofra ingustizzja f'li nqabez fil-promozzjoni, talab lil dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jinghata seniority kif ukoll il-promozzjoni b'lura mis-sena 1989, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas

kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 jew kif jiddeciedi t-Tribunal.

Illi b'sentenza tal-5 ta' Gunju 2001 fl-ismijiet premessi dan it-Tribunal cahad it-talbiet attrici u fis-sentenza t-Tribunal ikkonkluda illi ma kellux informazzjoni bizzejjed li twasslu ghall-prova li saret ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent (Dok A).

Illi meta kkonkluda b'dan il-mod it-Tribunal ghamel applikazzjoni hazina tal-ligi fis-sens illi naqas li japplika l-artikolu 6(1) tal-Att VIII ta' l-1997.

Illi fis-sentenza in kwistjoni t-Tribunal gustament ikkonkluda illi kien hemm inkosistenza fil-marki li inghataw lil persuni ohra li ghamlu l-ezami bhall-attur stante li dawn inghataw marki zejda mentri l-attur inghata marki neqsin pero it-Tribunal naqas li jikkonkludi li dan jammonta ghal "ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita kif kontemplat fl-artikolu 6(1) ta' l-Att VIII tal-1997.

Illi ghalhekk hemm lok ghal ritrattazzjoni taht l-artikolu 811 (e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-attur jixtieq jattakka, il-Kapi kollha tas-sentenza fuq imsemmija.

Ghaldastant l-esponent jitlob umilment li dan it-Tribunal joghgbu jhassar, jirrevoka u jikkancella s-sentenza tieghu tal-5 ta' Gunju 2001 fl-ismijiet *Henry Buttigieg vs Enemalta Corporation (Rikors numru 201/97)* u jordna r-ritrattazzjoni mill-gdid tal-kawza imsemmija u dan taht dawk il-provedimenti li jidhirlu xierqa u opportuni."

Ra r-risposta ta' l-intimata Enemalta Corporation li tghid hekk:

"Illi preliminarjament n-nullita tar-rikors promotur ghar-ritrattazzjoni stante li l-artikolu 815 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jesigi illi t-talba ghall-ritrattazzjoni ghandha ssir permezz ta' citazzjoni u mhux b'rikors.

Illi bla pregudizzju ghall-premess ma hemm ebda bazi legali li taghti lok ghall-ritrattazzjoni stante illi l-allegazzjonijiet li qieghed jaghmel u jirreferi ghalihom r-rikorrent ma jammontawx ghall-applikazzjoni zbaljata tal-ligi mit-Tribunal izda ‘se mai’ ghall-interpretazzjoni zbaljata tal-fatti, b’hekk ma hiex wahda mir-ragunijiet kontemplati fil-ligi li jaghtu lok ghall-ritrattazzjoni.

Illi fi kwalunkwe kaz s-sentenza li qieghda tigi attakkata applikat tajjeb l-ligi u gustament riteniet illi minn jallega ghandu jipprova haga li r-rikorrent naqas li ssostni l-allegazzjonijiet sal-grad li tirrikjedi l-ligi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.”

Ra l-atti l-ohrajn komprizi dawk tar-rikors originali 201/97 deciz minn dan it-Tribunal fil-5 ta’ Gunju 2001, u sama’ t-trattazzjoni orali.

Jikkonsidra illi:

**Dwar l-eccezzjoni preliminari**

1. Il-Korporazzjoni intimata eccepiet preliminarjament in-nullita’ tar-rikors promotur billi tghid li t-talba ghar-ritrattazzjoni quddiem dan it-Tribunal ghandha ssir permezz ta’ citazzjoni u mhux b’rikors.

2. F’dan ir-rigward jinghad illi tali talba ghandha tabilhaqq issir b’citazzjoni. Di fatti, kif iddecieda dan it-Tribunal, id-dispozizzjonijiet tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12), komprizi dawk relattivi ghar-ritrattazzjoni, li ghandhom xjaqsmu mal-prattika u procedura quddiem il-Qorti Civili huma, bl-artikolu 15 ta’ l-Att VIII ta’ l-1997, applikabbli ghall-prattika u procedura quddiem dan it-Tribunal. L-artikolu 815 ta’ l-imsemmi Kap 12 ighid: “Fil-qrati superjuri u fil-qrati inferjuri it-talba ghar-ritrattazzjoni, f’qorti ta’ l-ewwel grad ghandha ssir b’citazzjoni u quddiem qorti fi grad ta’ appell, b’rikors .....” Jigifieri skond dan l-artikolu, quddiem il-Qorti Civili, li hija qorti superjuri ta’ l-ewwel grad, ir-ritrattazzjoni ghandha

tintalab permezz ta' citazzjoni. Applikata din ir-regola fit-termini ta' l-artikolu 15 ta' l-Att imsemmi, ir-ritrattazzjoni quddiem dan it-Tribunal ghandha ssir ukoll permezz ta' citazzjoni. (Ara Dr Emanuel George Cefai vs Onorevoli Prim Ministru et (Rik 1263/01 VCC) deciza 31/7/2001).

3. Il-fatt li r-rikorrent introduca t-talba tieghu b'rikors minflok b'citazzjoni jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-forma mehtiega bil-ligi. B'danakollu din l-vjolazzjoni ma giebet lill-intimat ebda pregudizzju li ma jistax jissewwa xort'ohra hlief billi l-att jigi annullat (artikolu 789(1)(c) Kap 12). Dan kif gie ritenut ukoll fid-decizzjoni hawn fuq citata ta' dan it-Tribunal. Ghalhekk l-eccezzjoni msemmija mhix sostenibbli.

**Dwar il-meritu**

4. L-Ilment tar-rikorrent fl-ewwel rikors tieghu kien li huwa kien sofra ingustizzja billi kien gie maqbuz fil-promozzjoni. Bid-decizjoni originali dan it-Tribunal cahad dak ir-rikors u kkonkluda li ma "kellux informazzjoni bizzejjed li twasslu ghall-prova li saret ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent." Fir-rikors tieghu odjern ir-rikorrent jissottometti li "meta kkonkluda b'dan il-mod it-Tribunal ghamel applikazzjoni hazina tal-ligi fis-sens li naqas japplika l-artikolu 6(1) ta' l-Att VIII ta' l-1997." Ir-rikorrent jissottometti li hemm lok ghal ritrattazzjoni taht l-artikolu 811(e) tal-Kap 12. Din id-dispozizzjoni tghid li kawza deciza tista' tigi ritrattata jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin.

5. Fis-sentenza originali t-Tribunal osserva: "Illi biex rikorrent jipprova li saret ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, rikorrent irid jipprova l-ilment. F'dan il-kaz li ghandna hu li fil-kaz ta' Zammit u Caruana inghataw xi tliet marki zejda izda dan b'ebda mod ma jwassal li r-rikorrent li gab 36% qatt jista' jissupera lill-ohrajn li gabu 84% u 82%. Irrizulta li r-rikorrent dejjem ghamel xoghlu sewwa izda ma giex pruvat li l-ohrajn ma ghamluhx. Dan it-Tribunal ma

ghandux informazzjoni bizzejjed li twasslu ghall-prova li saret ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent."

6. Din is-silta mis-sentenza originali tindika kjarament li fuq l-ewwel rikors it-Tribunal deherlu li mill-provi prodotti ma jirrizultax li saret mar-rikorrent ingustizzja fit-termini propju ta' l-artikolu 6(1) ta' l-Att VIII ta' 1997. Il-ligi ghalhekk giet applikata korrettement.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni preliminari tan-nullita' tar-rikors promotur, u jichad it-talbiet tar-rikorrent, li ghandu jhallas l-ispejjez kollha, komprizi, stante c-cirkostanzi, dawk rigwardanti l-eccezzjoni preliminari.

--------------------------------TMIEM--------------------------------